MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 838/2000/1

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta` estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha Rosario Gatt u l-istess Rosario Gatt**

**vs**

**Vivienne Pizzuto, illum Mercieca, u Paul Pullicino u b`digriet tad-19 ta Ottubru 2000 gie kjamat in kawza George Pace**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi fl-10 ta’ Gunju 1999 ghal xi l-4.10p.m., waqt li l-attur Rosario Gatt kien qed isuq il-vettura numru GAT 001, proprjeta` tieghu, go Burmarrad Road, Mosta, fid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar, din sfat involuta f`incident awtomobilistiku mal-vetura numru CAQ 068 misjuqa mill-konvenuta Vivienne Pizzuto li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u li giet fin-naha tat-triq tal-vettura tal-attur Rosario Gatt biex tevita l-vettura JAB 098 misjuqa mill-konvenut l-iehor Paul Pullicino li qalghet mill-parking biex tmur fid-direzzjoni tal-Mosta (Dok 1);

Illi l-vettura numru GAT 001 kienet assikurata mas-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited nomine taht polza ta` assikurazzjoni comprehensive, u l-attur Rosrio Gatt, bhala l-assikurat, ghamel claim wara l-incident fuq riferit;

Illi d-danni tal-atturi konsegwenza tal-incident in esami kienu jammontaw ghal elf hames mija disgha u tmenin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1589.28) dovuti in kwantu ghal elf hames mija erbgha u sittin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1564.28) lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited nomine bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur tal-polza comprehensive kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident de quo ghal liema ammont l-istess socjeta` attrici nomine giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) dovuti lill-attur Rosario Gatt bhala danni minnu subiti u mhux koperti mill-polza comprehensive (Dok. 2 sa Dok. 15);

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni, kienu jahtu l-konvenuti minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti, jew min minnhom;

Illi l-konvenuti baqghu inadempjenti ghalkemm kienu interpellati biex jersqu ghar-risarciment tad-danni attrici;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjarahom responsabbli, jew min minnhom, ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni li bhala konsegwenza tal-istess garrbu l-atturi;

2. tillikwida d-danni tal-atturi fl-ammont komplessiv ta’ elf hames mija disgha u tmenin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1589.28) occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. tikkundannahom, jew min minnhom, biex ihallsu lis-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited nomine s-somma ta` elf hames mija erbgha u sittin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1564.28) bhala risarciment tal-ammont li din sborzat biex indennizzat lill-assikurat taghha kif obbligata a tenur tal-polza comprehensive kif ukoll spejjez ohra konnessi u risultanti mill-incident ghal liema ammont l-istess socjeta` attrici nomine giet surrogata fid-drittijeit tal-asskurat taghha u in kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur Rosario Gatt bhala danni minnu subiti u mhux koperti mill-polza comprehensive;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Novembru 1999 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment ma dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata ta’ din ic-citazzjoni, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Vivienne Pizzuto illum Vivienne Mercieca fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenuta kif indikata fic-citazzjoni ma kenitx il-persuna involuta fl-incident “de quo”;

2. Illi bla pregudizzju gha-suespost, il-konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli ghall-incident stradali

msemi fic-citazjzoni fuq citata stante li ghal din il-habta kien unikament responsabbli l-konvenut l-iehor Paul Pullicino minhabba imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti biss ta' Paul Pullicino u dan kif ser jirrizulta fil-kawza;

3. Isegwi li bla pregudizzju ghas-seuspost, il-konvenuta ma tista` qatt tigi kundannat thallas ebda danni u lanqas jigu likwidati danni kontra taghha;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Vivienne Pizzuto illum Vivienne Mercieca debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Paul Pullicino fejn gie ecepit illi l-eccipjenti Paul Pullicino m`humiex il-legittimu kontradittur stante li ma kienx hu s-sewwieq tal-vettura numru JAB 098 kif erroneament indikat fic-citazzjoni kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Paul Pullicino debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Ottubru 2000 li bih gie kjamat fil-kawza George Pace;

Rat in-nota ta' ecezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza George Pace fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-incident in kwestjoni ma sarx b`tort tal-eccipjent kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi ghalhekk l-eccipjenti ma ghndux ihallas ebda danni, u fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati huma esagerati;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kjamat in kawza George Pace debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2002 minn fejn jirrizulta li l-konvnuta Pizzuto issa Mercieca ddikjarat li ma hemmx ghalfejn li l-kontijiet u r-ricevuti esibiti mill-atturi jigu konfermati;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Novembru 2002 minn fejn jirrizulta li l-partijiet kollha qabblu li l-provi kolllha li nstemghu u li saru fil-kawza citazzjoni numru 277/00 ghandhom jitqiesu li nstemghu viva voce f'din il-kawza;

Rat l-atti kollha tal-imsemmija kawza citazzjoni numru 277/00;

Rat in-nota tal-konvenut Pullicino u tal-kjamat fil-kawza Pace tal-15 ta' Novembru 2002 fejn gie dikjarat li huma mhux qed jopponu l-quantum tad-danni reklamati u ma hemmx htiega ta' provi ulterjuri fir-rigward;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partiijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Issir referenza shiha ghas-sentenza tal-lum stess mghotija min din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawza citazzjoni numru 277/2000 GC fl-ismijiet "Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, gia Guardian Royal Exchange PLC, kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Pizzuto u l-istess Joseph Pizzuto f`ismu vs Paul Pullicino, Rosario Gatt u George Pace". Din il-kawza kienet tittratta dwar l-istess kollizzjoni u dwar l-istess fatti mertu ta' din il-kawza;

Fl-imsemmija kawza l-ohra gie deciz, fost affarijiet ohra, billi fl-ewwel lok il-kjamat in kawza f'din l-kawza, cioe

George Pace, gie dikjarat unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni. Fit-tieni lok, ukoll, l-atur f'din il-kawza u l-konvenuti Vivienne Mercieca u Paul Pullicino f'din il-kawza gew misjuba li m'ghandhom l-ebda responsabilita ghar-rigward tal-istess incident stradali;

Issir ghalhekk referenza shiha ghal-kostatazzjonijiet kollha li saru fl-imsemmija sentenza l-ohra, kif ukoll ghall konkluzjonijiet kollha li waslet ghalihom il-Qorti fl-istess kawza l-ohra. Dawn l-istess konstatazzjonijiet u konkluzjonijiet ghandhom japplikaw fit-totalita' taghhom ghal din il-kawza u ghal finijet ta' din is-sentenza;

Ghalhekk il-kjamat in kawza George Pace ghandu jigi ritenut responsabbli ghal kollizzjoni in kwestjoni. Ma tirrizulta ebda responsabilita ghar-rigward tal-attur Rosario Gatt u ghar-rigward tail-konvenuti Vivienne Mercieca u Paul Pullicino;

Id-danni kollha sofferti mill-attur Rosario Gatt jirrizultaw li jammontaw ghas-somma komplessiva ta' elf hames mija disgha u tmenin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1589.28). Jirrizulta li s-socjeta assikuratrici attriici halset lill-istess assikurat taghha l-attur l-iehor Rosario Gatt is-somma ta' elf hames mija erbgha u sittin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1564.28) a bazi ta polza "comprehensive". B'hekk l-istess socjeta attrici nomine giet surrogata fid-drittijiet tal-imsemmi assikurat taghha sas-somma ta' Lm1564.28. Ir-rimanenti hamsa u ghoxrin lira (Lm25) hallashom l-istess attur Rosario Gatt bhala excess;

Ghalhekk il-kjamat fil-kawza George Pace ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwestjoni. Id-danni sofferti mill-atturi komplessivament ghandhom jigu likwidati fis-somma ta' Lm1589.28. Inoltre l-kjamat fil-kawza George Pace ghandu jigi kundannat ihallas l-istess somma u dana in kwantu ghas-somma ta'

Lm1564.28 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghar-rimanenti hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur Roasario Gatt;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara lill kjamat fil-kawza George Pace unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwestjoni u ghad-danni kollha konsegwenzjali li garrbu l-atturi, tillikwida dawn id-danni fl-ammont komplessiv ta' elf hames mija disgha u tmenin lira tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1589.28) u tikkundanna lill kjamat fil-kawza ihallas l-imsemmija somma ta' Lm1589.28 in linea ta' danni u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm1564.28 lis-socjeta attrici assikuratrici u in kwantu ghar-rimanenti hamsa u ghoxrin lira (Lm25) lill-attur Roasario Gatt. Bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Tichad it-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenuti Vivienne Mercieca u Paul Pullicino;

Spejjez kollha kontra l-kjamat fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------